# GĦAWDEX - IL-GŻIRA TA' L-ASSUNTA

*Anthony Mario Saliba*

*Il-knisja Kattolika tiċċelebra diversi festi ad unur il-Verġni Mbierka Marija u fost tant u tant tifkiriet insibu seba' sollenitajiet ewlenin li bihom il-knisja tqim lill-Madonna f'xi okkażjoni speċjali ta' ħajjitha. U fost tant il-festi nsibu dik tal-Assunzjoni li tiġi ċċelbrata nhar il-ħmistax t'Awissu.*

*Din hi l-aktar qadima fost is-seba' festi l-oħra u tiġi ċċelebrata t-tifkira tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna. L-isem qadim ta' din il-festa bil-grieg u bil-latin huwa Dormito, Depositio, Pausatio u Natale. Illum il-knisja tagħraf din il-festa bħala l-Assunzjoni.*

*Għall-bidu kienet iċċelebrata r-raqda tal-Madonna. F'Ġerusalem kienet issir festa kbira fil-ġnien taż-Żebbuġ fejn kienu jżommu li hemm kien jinsab il-qabar ta' Marija. Maż-żmien din it-tifkira xterdet mall-knisja kollha universali. F'Ruma kienet tiġi ċċelebrata bil-kbir speċjalment lejn it-tmiem tas-seklu VIII. Kienet waħda mill-ftit festi li kellha l-viġili bis-sawm. Fis-Santi Padri wkoll insibu ċertu fidi sħiħa u espliċita dwar l-Assunzjoni lejn tmiem is-seklu VII. Biżżejjed insemmu lil San Modest ta' Gerusalem, San Ġermann ta' Kostantinopli, San Andrea ta' Kreta u Pseudo Atanasio. Meta l-mirkeb ta' Pawlu ta' Tarsu ħabat mall-blat Malti u dan l-appostlu tal-Ġentili żera' il-fidi Nisranija f'Malta, xterdet devozzjoni qawwija lejn il-Omm ta' Ġesù. U żgur li f'Għawdex nibtet din id-devozzjoni Marjana tant li nsibu li l-Għawdxin iddedikaw it-tempju prinċipali tagħhom lill-Madonna. Dan kien il-bidu ta' devozzjoni sħiħa u qawwija lejn Marija f'din il-gżira li bir-raġun kollu nistgħu nsejħulha l-Gżira tal-Madonna.*

## Il-Katidral tal-Assunta

L-Għawdxin iddedikaw il-knisja ewlenija tagħhom lill-Madonna taħt it-titlu tal-Assunta. Ma jfissirx li sa mill-bidu tagħha din il-knisja kienet iddedikata lil Santa Marija. Imma żgur li hekk kif daħlet din id-devozzjoni ġdida f'artna, Għawdex far bi knejjes li kienu ddedikati lill-Assunta. U din il-knisja kienet waħda minn dawk li nbidluhom it-titular u tpoġġew taħt il-ħarsien tal-Assunta.



Kien propju f'din il-knisja li tkabbar il-kult ta' devozzjoni sħiħa u qawwija lejn Santa Marija fil-gżejjer t'Għawdex. Maż-żmien, tant xterdet din id-devozzjoni li fis-sena 1576, l-Assunta ġiet maħtura padruna prinċipali u ewlenija tal-Gżejjer tagħna. Il-kwadru titulari ta' din il-knisja hu xogħol tassew artistiku u sabiħ tal-pittur rabti Mikele Busuttil li sar fl-1791. Dan juri lill-Ommna Marija imtellgħa s-sema mdawra bl-anġli u bl-appostli. Fil-15 t'Awissu, 1976, dan il-kwadru ġie kurunat mill-Kardinal Francesco Seper b'kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż.

F'ġieħ l-Assunta kienet ukoll l-ewwel purċissjoni titulari li qatt saret f'Għawdex. Kienet is-sena 1615, meta l-Isqof Cagliares qatta l-btajjel tas-sajf fil-palazz tal-Gvernatur fil-Gran Kastell u f'jum il-ħmistax t'Awissu mexxa l-pontifikal sollenni fil-knisja u wara purċissjoni pontifikali mad-dawra

tas-swar. Fl-1639, il-papa Urbanu tmienja ikkonferma t-twaqqif tal-Kolleġġjata f'din il-knisja. Ġo din il-knisja twaqqaf kapitlu ta' kanonċi bi drittijiet u dinjitajiet ġodda. Din kienet l-ewwel kolleġjata li qatt twaqfet f'din i-gżira. Fl-1864 din il-knisja ġiet mgħollija għat-titlu ta' Katidral tal-gżira permezz tal-bolla "Singulare Amore" tal-papa Piju IX. Dan hu l-akbar titlu li knisja tista' tingħata u b'hekk il-kanonċi ta' din il-knisja jissejħu Monsinjuri u s-sede tal-isqof t'Għawdex tinsab f'din il-knisja.

Fost xogħolijiet artistiċi f'din il-knisja nsibu ta' Ġużeppi D'Arena, Ganni Vella, Antonio Manuele, Lucertolo di Messina w Francesco Zahra li lkoll żejnu din il-knisja b'pittura tassew sabieħa u komplew flimkien ma oħrajn jagħmlu dan it-tempju aktar maestuż. Xogħol ieħor wisq sabieħ u artistiku hi l-vara titulari ta' santa Marija xogħol il-fabrika "Francesco Rossa" li nħadmet fl-1894 għas-Soċjetà Filarmonika Leone. Fid-29 t'April, 1956, l-istess Soċjeta rregalat din il-vara lill-Knisja Katidrali biex isservi bħala statwa titulari.

## Il-Madonna ta' Pinu

Fis-sena 1575, meta kellna l-viżta pastorali ta' Mons Pietru Dusina, insibu li minn 168 kappella ddedikati lill-Madonna, 86 minnhom kienu ddedikati lill-Assunta. Fost tant u tant kappelli mferxa l'hawn u l'hemm fil-kampanja Għawdxija, nsibu dik ta' "Ta' Pinu" fl-inħawi tal-Għarb. Il-kwadru titulari ġie mpitter minn Amadeo Perugino fl-1619. Din il-kappella kienet ġa wieqfa sa mis-seklu ħmistax imma kienet minsija minn kulħadd u magħluqa. Imma nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju, 1883, xebba raħħala semgħet, mirakuluż ġej mill-kwadru, isejħilha u jitlobha tgħid... "tlitt avemarijiet ad unur tat-tlett ijiem li l-ġisem tiegħi dam fil-qabar." Kien il-leħen tal-Madonna li kellem lil Karmni Grima. Karmni żammet dan il-messaġġ sigriet għal madwar sentejn u nofs meta mara fieqet b'miraklu wara li talbet l-interċessjoni tal-Assunta ta' Pinu.

Bdew isiru ħafna pellegrinaġġi. L-ewwel ġebla tat-tempju kbir u maestuż li nsibu mibni illum ma din il-kappella, tpoġġiet fit-30 ta' Mejju, 1920. Is-Santwarju kien lest u kkonsagrat fit-13 ta' Diċembru ta' Ħdax-il sena wara, fit-tlettax tal-1931. Ħames snin wara saret l-inkurunazzjoni tal-Madonna fuq il-kwadru.

Illum id-devozzjoni xterdet u kibret anke barra minn Malta u bosta huma dawk it-turisti li jżuru dan is-santwarju biex jitpaxxew b'santwarju mill-isbaħ u mill-aqwa waqt li jisimgħu din il-ġrajja tassew straordinarja u għażiża għalina l-Għawdxin.



## Il-Parroċċa Arċipretali u Matriċi taż-Żebbuġ

Barra l-parroċċa tal-Katidral, insibu parroċċa oħra li hi ddedikata lioll-Assunta fil-gżira t'Għawdex. Din hi l-parroċċa taż-Żebbuġ. Fl-1688, l-Isqof Davide Cocco Palmeri waqqaf din il-parroċċa bi knisja ddedikata lill-Assunta. L-ewwel Kappillan kien il-qassis Dun Franġisk Vella, saċerdot zelanti u ta' qdusija kbira li dlonk medd għonqu għax-xogħol tat-tkabbir tal-Knisja. Din il-knisja kważi ġdida ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Pawlu Alpheran De Bussan fit-30 ta' Settembru 1736 u reġgħet ġiet imkabbra mill-ġdid fl-1937 bl-għajnuna ta' Mons Franġisk Saliba li offra somma sabieħa b'risq it-tkabbir tal-knisja.

Fl-1963, bit-tħabrik tal-Kapillan Dun Franġisk Mercieca, il-parroċċa ġiet mogħtija t-titlu ta' arċipretali.

Il-kwadru titulari ta' din il-knisja hu xogħol artistiku għall-aħħar tal-pittur De Domenicis. Dan juri lill-Verġni Assunta qed tiġi nkurunata mis-Santissna Trinità Sultana tas-Sema u tal-Art. Fit-18 t'Awissu, 1980, bit-tħabrik tal-arċipriet preżenti Dun Alwiġ



Vella, Mons. Isqof t'Għawdex, Nikol G.Cauchi nkuruna dan il-kwadru b'kuruna u stellarju tad-deheb - rigal mill-qalb taż-żebbuġin kollha lill-Omm tagħhom tas-sema.

Il-vara titulari ta' Santa Marija hi xogħol l-aktar mirqum u sabiħ tal-fabbrika "Galard et Fils" ta' Marsilja li sar fl-1863. F'din il-knisja nsibu għadd ta' pittura sabieħa u artistika ta' pitturi magħrufa bħal Ġuże Calì, Antonio Zammit u Virginio Monti. Insibu wkoll opri artistiċi tal- 'onice' , irħam fin misjub f'dawk l-inħawi li jkomplu jżejnu dan is-santwarju maestuż u monumentali fuq l-għolja taż-Żebbuġ.

## Id-Domma ta' l-Assunta

Fl-1 ta' Novembru, 1950, il-Papa Piju XII iddefenixxa l-Assunzjoni ta' Marija bħala domma. B'hekk inqatgħet xewqa oħra kbira tad-devoti tal-Assunta. Il-Patri Gabrieli M. Roschini, wieħed mill-aqwa Marjoloġisti li qatt kellha l-knisja Kattolika, kiteb dawn il-kelmiet fl- "Osservatore Romano" tat-18 t'Ottubru, 1950: "Fost in-numru bla għadd ta' petizzjonijiet mibgħuta lis-Santa Sede għad-defenizzjoni dommatika tal-Assunzjoni bil-ġisem ta' Marija SS., dik il-Kattoliċissima Djoċesi ta' Għawdex tirrappreżenta karatteristika unika. Il-fidili kollha ta' id-djoċesi llustri mingħajr ebda eccezzjoni b'unanimita mhux biss morali imma anke wkoll matematika, iffirmaw petizzjoni għad-defenizzjoni tal-Assunzjoni..." Quddiem eżempju waħdani, fl-istorja kbira tal-moviment assunzjonistiku, wieħed reliġjuż stqarr: "Imma dan hu miraklu!" Tassew hekk hu, miraklu tal-fidi u tad-devozzjoni tal-fidili kollha lejn il-Verġni Marija mtellgħa mir-ruħ u l-ġisem fis-sema". Liema prova tista' tkun ċara aktar minn din li fil-qlub tal-Għawdxin kollha bla eccezzjoni hemm imnaqqax l-isem tal- "Assunta"?

Tant u tant niċeċ mxerda l'hawn u l'hemm fit-toroq tal-belt u rħula tagħna huma xhieda oħra qawwija tad-devozzjoni speċjali tal-Għawdxin lejn Santa Marija. Tant u tant ismijiet ta' djar lill-Verġni Mbierka u tant ulied bl-isem sabiħ ta' Marija jew ismijiet oħra b'xi konnessjoni mall-Omm t'Alla. Dawn u tant oħra huma prova ċara daqs il-kristall li Għawdex hu tal-Assunta għax kienet Hl li ħelsitna minn kull hemm u bħal OMM kennietna taħt il-mantarr setgħani tagħha. Bir-raġun kollu għalhekk inqisu lill-Marija Assunta bħala l-padruna prinċipali ta' dawn il-gżejjer tant għeżież għalina:

U minn qlubna kollha ħeġġa,
B'leħen wieħed għalenija,
Toħroġ l-għajta wisq qawwija:
Viva lil Santa Marija.


Referenzi:

Nikol Vella Apap: Il-Madonna fl-Istorja tal-Liturġija u l-Arti.

Alex Bonnici: Il-Matriċi Kolleġjata tal-Assunta u l-ewwel Parroċċi ta' Għawdex.

Il-Katidral tal-Assunta, Victoria Gozo, 1965.

Amante Buontempo: Il-Madonna ta' Pinu.

L-Għolja taż-Żebbuġ-1986: Minn Kappella għal-Santwarju Arċipretali.


**Nikkoreġu**

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tal-qarrejja ta' dan il-ktejjeb Programm li l-purċissjoni bil-Kwadru Titulari tal-Katidral li kellha ssir nhar is-27 ta' Lulju, 1991 bis-sehem tal-banda 'Leone' msemmija fil-Ktejjeb Programm SANTA MARIJA, Rabat, Għawdex, Nru 12, paġna 11 u 17, ma saritx minħabba l-maltemp.

**SANTA MARIJA IL-FESTA TAL-MALTIN U L-GHAWDXIN KOLLHA**